MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2010

Numru. 125/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**Vs**

**Gaetano Magri ta' 61sena mwieled Hamrun nhar it-03 ta' Lulju, 1948, iben il-mejtin Anthony u Rosaria nee` Spiteri residenti Ent C, Flt1, Binja Vista, Triq il-Gummar, Birkirkara. Detentur tal-Karta ta' l-Identita Nru 663248(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Gaetano Magri li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fit-30 ta' Jannar, 2010, ghal habta tas-saghtejn ta' filghodu (02.00am) u fil-granet ta' qabel gewwa Triq il-Gummar, Birkirkara volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli fuq vettura ta' l-ghamla Puegeot bin-numru tar-registrazzjoni

KBA807 ghad-dannu ta’ Maria Theresa Farrugia, vettura ta’ l-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni MKM497 ghad-detriment ta’ Edwin Farrugia, liema hsara tammonta ghal valur li ma jiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disha u sittin centemzu (1,164.69), imma kien izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47).

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’ l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmulha mill-imputat, il-fedina penali tieghu u l-fatt illi l-imputat diga hallas id-danni kollha minnu kkagunati lill-parte leza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-akkuza migjubha fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b’applikazjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Finalment b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qed torbot lill-hati b’garanzija li jzomm il-kwiet ma Marie Therese Farrugia u Edwin Farrugia u li jzomm il-bon ordni pubbliku ma kullhad u dan taht penali ta’ hames mitt euro (€500) ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kundizzjoni.

Il-Qorti tordni li kopja tas-sentenza flimkien mal-atti jintbghatu lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------